

**MT**

**MT**

**MT**



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 20.9.2010  
KUMM(2010) 471 finali

2010/0252 (COD)

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li tistabbilixxi l-ewwel programm tal-politika tal-ispettru tar-radju**

{SEG(2010) 1034}

{SEG(2010) 1035}

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

#### • Ir-raġunijiet u l-għanijiet tal-proposta

L-Artikolu 8a(3) tad-Direttiva Kwadru 2002/21/KE, kif emendata bid-Direttiva 2009/140/KE, jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposta leġiżlattiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sabiex ikun stabbilit Programm multiannwali tal-Politika tal-Ispettru tar-Radju (RSPP) li jstabbilixxi l-orjentazzjonijiet u l-għanijiet tal-politika għall-ippjanar strateġiku u għall-armonizzazzjoni tal-użu tal-ispettru, billi tittieħed fl-ikbar kunsiderazzjoni l-opinjoni tal-Grupp għal Politika dwar l-Ispettru tar-Radju (RSPG).

L-RSPP huwa bbażat fuq l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), minħabba l-importanza tad-disponibbiltà u tal-użu effiċjenti tal-ispettru għall-istabbiliment ta' suq intern għall-komunikazzjonijiet elettroniċi u għal oqsma ta' politika oħrajn tal-UE. L-RSPP se jiddetermina sal-2015 kif l-użu tal-ispettru jista' jagħti kontribut lill-għanijiet tal-UE u jottimizza l-benefiċċji soċjali, ekonomiċi u ambjentali. Huwa jibni fuq il-prinċipji regolatorji għall-komunikazzjonijiet elettroniċi tal-UE u fuq id-Deċizzjoni Nru. 676/2002/KE dwar l-Ispettri tar-Radju (l-RSD), jafferma mill-ġdid il-prinċipji li għandhom jiġu applikati fir-rigward tat-tipi kollha ta' użu tal-ispettru, jstabbilixxi l-għanijiet għall-inizjattivi tal-UE u jelenka l-azzjonijiet li għandhom jitniedu.

#### • Il-kuntest ġenerali

L-ispettru huwa essenzjali għas-soċjetà diġitali, għal servizzi veloċi bla fili, għall-irkupru ekonomiku, għat-tkabbir, għal impjiegi ta' kwalità għolja u għal kompetittività fit-tul tal-UE. L-inizjattivi tal-politika dwar l-ispettru huma wkoll kruċjali għall-Aġenda Diġitali għall-Ewropa u għall-istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv. Il-kontributi għall-RSPP ġew mil-Laqgħa Għolja dwar l-Ispettru ospitata mill-Parlament u mill-Kummissjoni, minn konsultazzjoni pubblika tal-Kummissjoni u mill-Opinjoni tal-RSPG.

#### • Id-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta

Fir-rigward tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, il-politika dwar l-ispettru hija koperta mid-Direttiva Kwadru 2002/21/KE u mid-Direttiva ta' Awtorizzazzjoni 2002/20/KE, kif ġew emendati bid-Direttiva 2009/140/KE, li introduċiet titjib sinifikanti sabiex ikun żgurat użu effiċjenti tal-ispettru, titneħħa r-riġidità fil-ġestjoni tal-ispettru u jingħata aċċess iktar faċli għall-ispettru. Barra minn hekk, l-RSD diġà tagħti lok għall-armonizzazzjoni tal-kundizzjonijiet tekniċi għall-użu tal-ispettru rilevanti għall-politiki eżistenti tal-UE li jinvolvu l-użu tal-ispettru.

#### • Il-konsistenza mal-politiki u mal-għanijiet l-oħra tal-Unjoni

L-użu tal-ispettru qed ikollu influwenza dejjem ikbar fuq it-tkabbir sostenibbli, il-kompetittività u l-produttività fis-suq intern fir-rigward ta' politiki settorjali importanti tal-UE. Peress li l-ispettru huwa limitat, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti prijoritàjiet li jiżguraw li l-ispettru jkun allokat u użat b'mod effiċjenti u effettiv, fejn jitqiesu l-għanijiet tal-politika tal-UE għal komunikazzjonijiet elettroniċi u għal *broadband* għal kulħadd u għat-trasport, għar-

riċerka, għall-osservazzjoni tad-Dinja, għall-Galileo, għall-ħarsien ambjentali u għall-ġlieda kontra t-tiġin globali.

## 2. IL-KONSULTAZZJONI TAL-PARTIJET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

### • Il-konsultazzjoni tal-partijiet interessati

*Il-metodi ta' konsultazzjoni, is-setturi ewlenin fil-mira u l-profil ġenerali ta' dawk li ħadu sehem fil-konsultazzjoni*

Il-partijiet interessati ngħataw diversi opportunitajiet biex jikkomentaw:

- Il-Laqgħa Għolja dwar l-Ispettru ta' Marzu 2010 żvelat fehim ċar fost l-istituzzjonijiet tal-UE, l-Istati Membri u l-partijiet interessati tal-ħtiegħa għal iktar spettru għal applikazzjonijiet b'impatt soċjali u ekonomiku kbir. Ir-riżultati tal-Laqgħa Għolja ngābru fil-qosor fl-Anness 1 għall-Valutazzjoni tal-Impatt, u d-dokumenti rilevanti huma disponibbli fuq [http://ec.europa.eu/information\\_society/policy/ecom/radio\\_spectrum/rspp/index\\_en.htm](http://ec.europa.eu/information_society/policy/ecom/radio_spectrum/rspp/index_en.htm).
- Bejn l-4 ta' Marzu u d-9 ta' April 2010 saret konsultazzjoni pubblika u sejħa għal kontribut mill-Kummissjoni bi preparazzjoni għall-Programm tal-Politika tal-Ispettru tar-Radju. Il-101 reazzjoni li kienu riċevuti ngābru fil-qosor fl-Anness 2 għall-Valutazzjoni tal-Impatt u huma disponibbli fuq [http://ec.europa.eu/information\\_society/policy/ecom/radio\\_spectrum/rspp/rspp\\_pc\\_rep/index\\_en.htm](http://ec.europa.eu/information_society/policy/ecom/radio_spectrum/rspp/rspp_pc_rep/index_en.htm).
- L-RSPG, grupp ta' livell għoli li jagħti pariri lill-Kummissjoni rigward il-politika dwar l-ispettru, adotta l-opinjoni formali tiegħu fid-9 ta' Ġunju 2010 (Anness 3 għall-Valutazzjoni tal-Impatt). Ara [http://rspg.groups.eu.int/documents/documents/opinions/rspg10\\_330\\_rspp\\_opinion.pdf](http://rspg.groups.eu.int/documents/documents/opinions/rspg10_330_rspp_opinion.pdf). Il-Kummissjoni ħadet fl-ikbar kunsiderazzjoni din l-opinjoni meta ffinalizzat l-abbozz tal-proposta tagħha.
- Qabel il-finalizzazzjoni, l-abbozz tal-opinjoni tal-RSPG kien suġġett għal konsultazzjoni pubblika separata – ir-reazzjonijiet li ġew riċevuti huma disponibbli fuq [http://rspg.ec.europa.eu/consultations/responses\\_rspp2010/index\\_en.htm](http://rspg.ec.europa.eu/consultations/responses_rspp2010/index_en.htm).

### • Il-ġbir u l-użu tal-kompetenzi

*L-oqsma xjentifiċi/ta' kompetenza kkonċernati*

Minbarra l-opinjoni tal-RSPG u n-numru kbir ta' reazzjonijiet għall-konsultazzjonijiet pubbliċi u l-laqgħa għolja, l-istudji li ġejjin ukoll huma rilevanti:

- “Exploiting the digital dividend – a European approach [Nisfruttaw id-dividend diġitali – approċċ Ewropew]” (Analysys Mason, DotEcon and Hogan & Hartson) 2009.
- “Optimising the Public Sector's Use of Radio Spectrum in the EU [L-ottimizzazzjoni tal-Użu tal-Ispettru tar-Radju mis-Settur Pubbliku fl-UE]” (WIK-Consult) 2008.
- Radio interference in the European Community [L-interferenza tar-radju fil-Komunità Ewropea] (Eurostrategies and LS telcom), 2008.

- “Preparing the next steps in regulation of electronic communications — a contribution to the review of the electronic communications regulatory framework [Nippreparaw il-passi li jmiss fir-regolamentazzjoni tal-komunikazzjonijiet elettronici – kontribut għall-analizi tal-qafas regolatorju tal-komunikazzjonijiet elettronici]” (Hogan & Hartson, Analysys), 2006.

### Mezzi li ntużaw biex il-pariri tal-esperti jitpoġġew għad-dispożizzjoni tal-pubbliku

L-istudji li ssemmw iktar 'il fuq huma disponibbli fil-websajt tal-Kummissjoni fuq: [http://ec.europa.eu/information\\_society/policy/ecomm/radio\\_spectrum/documents/studies/index\\_en.htm](http://ec.europa.eu/information_society/policy/ecomm/radio_spectrum/documents/studies/index_en.htm) u [http://ec.europa.eu/information\\_society/policy/ecomm/info\\_centre/documentation/studies\\_ext\\_consult/index\\_en.htm#2006](http://ec.europa.eu/information_society/policy/ecomm/info_centre/documentation/studies_ext_consult/index_en.htm#2006)

#### • **Il-valutazzjoni tal-impatt**

Minħabba n-natura strateġika ta' livell għoli tal-RSP, il-valutazzjoni tal-impatt tidentifika l-għażliet u tivvaluta jekk l-intervent tal-UE jżidx il-valur meta pparagunat ma' azzjoni nazzjonali jew reġjonali. Hija tidentifika d-direzzjoni strateġika meħtieġa għall-politika dwar l-ispettru fuq il-livell tal-UE u tenfasizza l-ħtieġa għal approċċ globali għall-politika dwar l-ispettru tal-UE meta jiġi kkunsidrat l-impatt tal-ispettru fuq numru ta' setturi bi gradi differenti ta' kompetenza tal-UE. L-opinjoni tal-Bord tal-Valutazzjoni tal-Impatt dwar il-valutazzjoni tal-impatt inħarġet fit-2 ta' Lulju 2010.

### **3. L-ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA**

#### • **Sommarju tal-azzjoni proposta**

Il-programm propost jistabbilixxi l-orjentazzjonijiet u l-għanijiet tal-politika għall-ippjanar strateġiku u għall-armonizzazzjoni tal-użu tal-ispettru sabiex jinkiseb is-suq intern. Huwa jappoġġja l-Istrateġija Ewropa 2020 u l-Aġenda Diġitali għall-Ewropea u jippromwovi politiki oħrajn tal-UE li għandhom x'jaqsmu mal-ispettru. Il-programm propost se jiżgura l-applikazzjoni tal-prinċipji u jiddefinixxi l-orjentazzjonijiet tal-politika għall-aspetti kollha tal-politika dwar l-ispettru b' dimensjoni tal-UE u jistabbilixxi inizjattivi prijoritarji konkreti għal iktar koordinazzjoni, flessibbiltà u disponibbiltà tal-ispettru għal komunikazzjonijiet *broadband* bla fili u għal politiki speċifiċi oħrajn tal-UE; huwa jeżiġi inventarju tal-użi eżistenti u emerġenti tal-ispettru; huwa jidentifika t-titjib biex jiġu salvagwardjati l-interessi tal-UE fin-negozjati internazzjonali u biex l-Istati Membri jingħataw għajnuna fin-negozjati bilaterali; huwa jagħmel sejħa biex ikun hemm kooperazzjoni aħjar bejn il-korpi tekniċi u jitlob li l-Kummissjoni tippreżenta rapport sal-2015.

#### • **Il-bażi legali**

L-Artikolu 114 TFUE.

#### • **Il-prinċipju ta' sussidjarjetà**

L-azzjoni proposta tinvolvi emendi għall-qafas regolatorju tal-UE eżistenti u b'hekk tikkonċerna qasam fejn l-UE diġà eżerċitat il-kompetenza tagħha. Il-proposta għalhekk hija konformi mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif inhu stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE).

- **Il-prinċipju ta' proporzjonalità**

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalità peress li tistabbilixxi livell minimu ta' armonizzazzjoni filwaqt li tħalli d-definizzjoni tal-miżuri implimentattivi f'idejn l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali (NRA) jew f'idejn l-Istati Membri. L-emendi proposti ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex tinkiseb regolamentazzjoni aħjar tas-settur. B'hekk, huma konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif inhu stabbilit fl-Artikolu 5 TUE.

- **L-għażla tal-istrument**

Din hija miżura leġiżlattiva peress li l-Artikolu 8a(3) tad-Direttiva Kwadru jagħmel sejħa għal proposta leġiżlattiva lill-Parlament u lill-Kunsill. Miżura mhux vinkolanti bħal rakkomandazzjoni tal-Parlament u tal-Kunsill la tagħmel il-koordinazzjoni tal-UE obbligatorja u lanqas teżiġi azzjoni min-naħa tal-Istati Membri. Id-Deċiżjonijiet tal-Parlament u tal-Kunsill Nru 128/1999/KE, Nru 626/2008/KE u Nru 676/2002/KE fl-imgħoddi kienu adottati sabiex ikunu imposti obbligi u azzjonijiet simili.

#### **4. L-IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI**

Il-proposta m'għandha l-ebda implikazzjoni addizzjonali għall-baġit tal-UE.

#### **5. INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI**

- **Is-simplifikazzjoni u t-tnaqqis tal-ispejjeż amministrattivi**

Il-proposta għandha l-għan li tnaqqas il-piżijiet amministrattivi billi żżid il-flessibbiltà tal-ispettru u tħaffef il-proċeduri amministrattivi għall-użu tal-ispettru. Hija parti kemm mill-programm kontinwu tal-Kummissjoni għall-aġġornament u għas-simplifikazzjoni tal-*acquis* kif ukoll mill-Programm ta' Ħidma tagħha bir-referenza 2010/INFSO/002.

- **Klawżola ta' analiżi/reviżjoni/terminazzjoni awtomatika**

Id-Deċiżjoni tistabbilixxi programm li għandu jiġi implimentat sal-2015 u tistieden lill-Kummissjoni biex tagħmel analiżi qabel ma tipprepara l-programm li jmiss.

- **Informazzjoni mill-Istati Membri**

L-Istati Membri għandhom jinformat lill-Kummissjoni bl-implimentazzjoni tal-obbligi tagħhom.

- **Iż-Żona Ekonomika Ewropea**

L-att propost huwa ta' rilevanza għaż-ŻEE.

- **Spjegazzjoni dettaljata tal-proposta**

#### **Artikolu 1 Suġġett u ambitu**

Dan jiddikjara l-għan ġenerali tal-programm u l-ambitu tiegħu.

#### **Artikolu 2 Applikazzjoni tal-Prinċipji Regolatorji Ġenerali**

Dan għandu l-għan li jiżgura applikazzjoni konsistenti tal-prinċipji regolatorji ġenerali mill-Istati Membri inklużi: użu u ġestjoni effiċjenti tal-ispettru, inkoraġġiment tan-newtralità tat-teknoloġija u tas-servizzi, applikazzjoni tal-inqas sistema ta' awtorizzazzjoni oneruża u garanzija tas-suq intern u tal-kompetizzjoni.

### **Artikolu 3 Għanijiet tal-politika**

L-għanijiet tal-politika li għandhom jiġu implimentati mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni jinkludu: tkun żgurata biżżejjed disponibbiltà tal-ispettru; tiġi massimizzata l-flessibbiltà tal-ispettru; jitkabbar l-użu effiċjenti tal-ispettru permezz ta' awtorizzazzjonijiet ġenerali u ta' flessibbiltà tal-ispettru; ikunu evitati distorsjonijiet tal-kompetizzjoni; ikunu evitati interferenza u disturbi dannużi; ikunu armonizzati l-kundizzjonijiet tekniċi; u jkun żgurat il-ħarsien tas-saħħa.

### **Artikolu 4 Iktar effiċjenza u flessibbiltà**

Dan jistabbilixxi l-orjentazzjonijiet tal-politika li għandhom jissarrfu f'azzjonijiet mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni, inklużi flessibbiltà aħjar fl-awtorizzazzjoni tal-ispettru sabiex tingħeleb il-qasma diġitali; jinħolqu kundizzjonijiet tekniċi għal servizzi *broadband*; jitkabbar l-użu kollettiv tal-ispettru; jiġu żviluppati l-istandards; u jiġu ppreservati u promossi l-kompetizzjoni effettiva u s-suq intern.

### **Artikolu 5 Kompetizzjoni**

Dan għandu l-għan li jippromwovi l-kompetizzjoni billi jelenka diversi rimedji li l-Istati Membri jistgħu jadottaw kontra distorsjonijiet possibbli li jirriżultaw mill-flessibbiltà, min-negozju u mill-ħżin jew minn akumulazzjoni oħra ta' drittijiet tal-ispettru.

### **Artikolu 6 Spettru għall-komunikazzjonijiet *broadband* bla fili**

Għandhom jittieħdu passi sabiex: jintlaħqu miri speċifiċi għall-*broadband* bla fili u sabiex tkun żgurata d-disponibbiltà tal-ispettru indikat għal dan l-iskop; ikun ordnat li sal-2013 tiġi lliberata l-medda tad-dividend diġitali tat-800 MHz; ikun żgurat li ż-żoni rurali jkunu koperti u li ċ-ċittadini l-iktar żvantaġġjati jkollhom aċċess; ċerti meded ikunu jistgħu jiġu nnegozjati u jkun żgurat spettru għal aċċess satellitari minn kullimkien.

### **Artikolu 7 Ħtiġijiet relatati mal-ispettru għal politiki speċifiċi tal-Unjoni**

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jikkooperaw sabiex jissodisfaw il-ħtiġijiet relatati mal-ispettru għas-suq intern fir-rigward ta' diversi politiki tal-UE, inklużi l-politika spazjali, il-ħarsien ambjentali, is-sikurezza u l-protezzjoni pubblika, il-protezzjoni ċivili u l-għajnuna f'diżastri, kif ukoll l-attività ta' riċerka u dik xjentifika.

### **Artikolu 8 Inventarju – monitoraġġ tal-użi eżistenti ta' u tal-ħtiġijiet emerġenti għall-ispettru**

F'kooperazzjoni mal-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha torganizza inventarju tal-użi eżistenti tal-ispettru u tal-ħtiġijiet futuri possibbli relatati mal-ispettru.

## **Artikolu 9 Negozjati internazzjonali**

Dan jistabbilixxi l-passi sabiex tiżdied il-viżibbiltà tal-UE fin-negozjati internazzjonali u sabiex jiġu protetti l-interessi tal-UE. L-UE għandha toffri appoġġ lill-Istati Membri fin-negozjati tagħhom mal-pajjiżi terzi għall-implimentazzjoni tal-obbligi tal-UE. Fil-Konferenza Dinjija dwar il-Komunikazzjoni bir-Radju fl-2012, l-Unjoni għandha tippromwovi riżultati li, fost affarijiet oħra, jiffaċilitaw l-użu sħiħ tal-meded ta' 800 MHz u 3.4-3.8 GHz għall-broadband fl-Unjoni; jiżguraw li jkun hemm disponibbli ammont suffiċjenti ta' spettru mħares kif xieraq għall-politiki settorjali tal-Unjoni, bħall-Politika Spazjali Ewropea u s-Sema Uniku Ewropew; u tiżgura li l-bidliet fl-appoġġ għar-Regolamenti tar-Radju tal-ITU jappoġġaw u jikkumplimentaw il-prinċipji rilevanti tal-qafas regolatorju tal-Unjoni.

## **Artikolu 10 Kooperazzjoni fost il-korpi differenti**

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jikkooperaw sabiex itejbu l-isfond istituzzjonali attwali u jrawmu koordinazzjoni fil-ġestjoni tal-ispettru, u sabiex itejbu l-kooperazzjoni bejn il-korpi ta' standardizzazzjoni, is-CEPT u ċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka sabiex il-ġestjoni u l-istandardizzazzjoni tal-ispettru jkunu konnessi aħjar.

## **Artikolu 11 Konsultazzjoni pubblika**

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jikkonsultaw lill-pubbliku, kull meta dan ikun meħtieġ.

## **Artikolu 12 Rappurtar**

Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sal-2015.

## **Artikoli 13, 14 u 15: Implimentazzjoni, Notifika, Dħul fis-seħħ, Destinatarji**

Dawn jinkludu obbligi għall-Istati Membri sabiex jimplementaw id-dispożizzjoni tad-Deċiżjoni sal-2015, jekk ma jkunx speċifikat mod ieħor fl-artikoli preċedenti, u jinformaw lill-Kummissjoni, flimkien mad-dispożizzjonijiet standard.



Proposta għal

## **DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

### **li tistabbilixxi l-ewwel programm tal-politika tal-ispettru tar-radju**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġislattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>1</sup>,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni<sup>2</sup>,

Filwaqt li aġixxew skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

- (1) L-Artikolu 8a(3) tad-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar kwadru regolatorju komuni għan-netwerks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi (Direttiva Kwadru)<sup>3</sup> jipprovdi li l-Kummissjoni tista' tippreżenta proposta leġislattiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sabiex ikunu stabbiliti programmi pluriennali tal-politika tal-ispettru tar-radju li jistabbilixxu l-orjentazzjonijiet u l-għanijiet tal-politika għall-ippjanar strateġiku u għall-armonizzazzjoni tal-użu tal-ispettru skont id-direttivi applikabbli għan-netwerks u għas-servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi. Dawn l-orjentazzjonijiet u l-għanijiet tal-politika għandhom jirreferu għad-disponibbiltà u għall-użu effiċjenti tal-ispettru li jkunu meħtieġa għall-istabbiliment u għall-funzjonament tas-suq intern. Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għal-liġi tal-UE eżistenti, b'mod partikolari d-Direttiva 1999/5/KE u d-Direttivi 2002/20/KE u 2002/21/KE, kif ukoll id-Deċiżjoni Nru 676/2002/KE. Hija wkoll mingħajr preġudizzju għall-miżuri li jittieħdu fuq il-livell nazzjonali, f'konformità mal-liġi tal-UE, sabiex jintlaħqu għanijiet ta' interess ġenerali, b'mod partikolari relatati mar-regolamentazzjoni tal-kontenut u mal-politika awdjoviżiva u mad-dritt tal-Istati Membri li jorganizzaw u jużaw l-ispettru tagħhom għal finijiet u għad-difiża tal-ordni pubbliku u tas-sigurtà pubblika.

---

<sup>1</sup> ĠU C , , p. .

<sup>2</sup> ĠU C , , p. .

<sup>3</sup> ĠU L 108, 24.4.2002, p. 33 (Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 13, Volum 29, p. 349 - 366).

- (2) L-ispettru huwa riżorsa prinċipali għas-setturi u għas-servizzi essenzjali, inklużi l-komunikazzjonijiet mobbli, *broadband* bla fili u satellitari, ix-xandir bit-televiżjoni u bir-radju, it-trasport, ir-radjolokazzjoni, u applikazzjonijiet bħal sistemi ta' allarm, kontrolli mill-bogħod, apparati li jgħinu s-smiġh, mikrofonu u tagħmir mediku. Huwa jappoġġja servizzi pubbliċi bħas-servizzi tas-sigurtà u tas-sikurezza, inkluża l-protezzjoni ċivili, u l-attivitajiet xjentifiċi, bħall-meteoroloġija, l-osservazzjoni tad-Dinja, ir-radjuastronomija u r-riċerka spazjali. Il-miżuri regolatorji dwar l-ispettru b'hekk għandhom implikazzjonijiet ekonomiċi, għas-sikurezza, għas-saħħa, għall-interess pubbliku, kulturali, xjentifiċi, soċjali, ambjentali u tekniċi.
- (3) L-ippjanar strateġiku u l-armonizzazzjoni tal-użu tal-ispettru fuq il-livell tal-Unjoni għandhom ikabbru s-suq uniku għas-servizzi u għat-tagħmir tal-komunikazzjonijiet elettroniċi bla fili kif ukoll politiki oħrajn tal-Unjoni li jeżiġu l-użu tal-ispettru, biex b'hekk joħlqu opportunitajiet ġodda għall-innovazzjoni u jagħtu kontribut għall-irkupru ekonomiku u għall-integrazzjoni soċjali mal-Unjoni kollha, filwaqt li fl-istess ħin jirrispettaw il-valur soċjali, kulturali u ekonomiku importanti tal-ispettru. Għal dan il-għan, l-Unjoni għalhekk teħtieġ programm ta' politika li jkorpi s-suq intern fl-oqsma kollha tal-politika tal-Unjoni li jinvolvu l-użu tal-ispettru bħall-komunikazzjonijiet elettroniċi, ir-riċerka u l-iżvilupp (R&D), it-trasport u l-enerġija.
- (4) Dan l-ewwel programm għandu jappoġġja b'mod partikolari l-Istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv meta jiġi kkunsidrat il-potenzjal kbir tas-servizzi bla fili sabiex jippromwovu ekonomija bbażata fuq l-informazzjoni, jiżviluppaw u jgħinu lis-setturi li jiddependu mit-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u jegħlbu l-qasma diġitali. Da il-programm huwa wkoll azzjoni prinċipali fl-Aġenda Diġitali għall-Ewropa<sup>4</sup> li għandha l-għan li twassal internet bil-*broadband* veloċi fl-ekonomija tal-għarfien futura bbażata fuq in-netwerks, b'mira ambizzjuża għal koperatura *broadband* universali b'veloċitajiet ta' mill-inqas 30 Mbps għall-Ewropej kollha sal-2020, biex b'hekk jinkisbu l-benefiċċji ekonomiċi u soċjali sostenibbli ta' suq diġitali uniku. Barra minn hekk, għandu jappoġġja u jippromwovi politiki settorjali oħrajn tal-Unjoni bħal ambjent sostenibbli u inklużjoni ekonomika u soċjali għaċ-ċittadini kollha tal-Unjoni. Minħabba l-importanza tal-applikazzjonijiet bla fili għall-innovazzjoni, dan il-programm huwa wkoll inizjattiva prinċipali li jappoġġja l-politiki tal-Unjoni dwar l-innovazzjoni.
- (5) L-ewwel programm għandu jispeċifika l-prinċipji u l-għanijiet ta' gwida għall-Istati Membri u għall-istituzzjonijiet tal-Unjoni sal-2015, u għandu jistabbilixxu inizjattivi implimentattivi speċifiċi. Filwaqt li l-ġestjoni tal-ispettru għadha fil-parti l-kbira kompetenza nazzjonali, din għandha tkun eżerċitata f'konformità mal-liġi tal-Unjoni eżistenti u għandha tagħti lok għal azzjoni sabiex ikunu segwiti l-politiki tal-Unjoni.
- (6) Il-programm għandu jikkunsidra wkoll id-Deċiżjoni Nru 676/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar qafas regolatorju għall-politika dwar l-ispettru tar-radju fil-Komunità Ewropea (Deċiżjoni dwar l-Ispetri tar-radju)<sup>5</sup> u l-kompetenza teknika tal-Konferenza Ewropea tal-Amministrazzjonijiet Postali u tat-Telekomunikazzjonijiet (CEPT) sabiex il-politiki tal-Unjoni li jiddependu mill-ispettru u ġew miftiehma mill-Parlament u mill-Kunsill ikunu jistgħu jiġu implimentati

<sup>4</sup> COM(2010)245, 19.05.2010.

<sup>5</sup> ĠU L 108, 24.4.2002, p. 1 (Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 13, Volum 29, p. 317 - 322).

b'miżuri tekniċi implimentattivi, fejn jiġi nnotat li tali miżuri jistgħu jittieħdu kull meta jkun meħtieġ sabiex jiġu implimentati politiki tal-Unjoni diġà eżistenti.

- (7) Biex ikun żgurat l-użu ottimali tal-ispettru jistgħu jkunu mitluba soluzzjonijiet ta' awtorizzazzjoni innovattivi bħall-użu kollettiv tal-ispettru, awtorizzazzjonijiet ġenerali jew kondiviżjoni tal-infrastruttura. L-applikazzjoni ta' prinċipji ta' din ix-xorta fl-Unjoni tista' tiġi ffaċilitata bid-definizzjoni ta' ċerti kundizzjonijiet komuni jew konverġenti għall-użu tal-ispettru. L-awtorizzazzjonijiet ġenerali, li huma l-inqas sistema ta' awtorizzazzjoni oneruża, huma ta' interess partikolari fejn l-interferenza ma tirriskjax li tfixkel l-iżvilupp ta' servizzi oħrajn.
- (8) In-negozju fid-drittijiet tal-ispettru flimkien ma' kundizzjonijiet flessibbli ta' użu għandhom ikunu ta' benefiċċju sostanzjali għat-*tkabbir ekonomiku*. Għalhekk, il-meded fejn il-liġi tal-Unjoni diġà introduċiet użu flessibbli għandhom ikunu jistgħu jiġu nnegozjati immedjatament f'konformità mad-Direttiva Kwadru. Barra minn hekk, prinċipji komuni għall-format u għall-kontenut ta' drittijiet li jistgħu jiġu nnegozjati ta' din ix-xorta kif ukoll miżuri komuni sabiex tkun ipprevenuta akkumulazzjoni tal-ispettru li tista' toħloq pożizzjonijiet dominanti kif ukoll nuqqas mhux xieraq li jintuża l-ispettru akkwistat, għandhom jiffaċilitaw l-introduzzjoni koordinata mill-Istati Membri kollha ta' dawn il-miżuri u jiffaċilitaw l-akkwist ta' drittijiet ta' din ix-xorta fi kwalunkwe post fl-Unjoni.
- (9) Kif ġie enfasizzat fl-Aġenda Diġitali għall-Ewropa, il-*broadband* bla fili huwa mezz importanti sabiex tingħata spinta lill-kompetizzjoni, lill-għażla tal-konsumaturi u lill-aċċess f'żoni rurali u żoni oħrajn, fejn l-użu tal-broadband bil-fili huwa diffiċli jew mhux vijabbli ekonomikament. Madankollu, il-ġestjoni tal-ispettru tista' taffetwa l-kompetizzjoni billi tbiddel ir-rwol u s-setgħa tal-parteċipanti fis-suq, pereżempju jekk l-utenti eżistenti jirċievu vantaġġi kompetittivi mhux xierqa. Aċċess limitat għall-ispettru, b'mod partikolari meta l-ispettru adattat isir iktar skars, jista' joħloq ostakolu għad-dħul ta' servizzi jew applikazzjonijiet ġodda u jfixkel l-innovazzjoni u l-kompetizzjoni. L-akkwist ta' drittijiet ġodda għall-użu, inkluż permezz tan-negozju fl-ispettri, jew ta' tranżazzjonijiet oħrajn bejn l-utenti, u l-introduzzjoni ta' kriterji flessibbli ġodda għall-użu tal-ispettru jista' jkollhom impatt fuq is-sitwazzjoni kompetittiva eżistenti. L-Istati Membri għandhom għalhekk jieħdu miżuri regolatorji *ex ante* jew *ex post* xierqa (bħal azzjoni sabiex jiġu emendati d-drittijiet eżistenti, ikunu pprojbiti ċerti akkwisti tad-drittijiet tal-ispettru, ikunu imposti kundizzjonijiet fuq il-ħżin tal-ispettru u fuq l-użu effiċjenti, bħal dawk imsemmija fl-Artikolu 9(7) tad-Direttiva Kwadru, sabiex ikun limitat l-ammont ta' spettru għal kull operatur, jew sabiex tkun evitata akkumulazzjoni eċċessiva ta' spettru), sabiex jiġu evitati distorsjonijiet fil-kompetizzjoni skont il-prinċipji tal-Artikolu 5(6) tad-Direttiva 2002/20/KE (id-Direttiva ta' "Awtorizzazzjoni" ) u l-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 87/372/KEE (id-Direttiva "GSM").
- (10) L-użu ottimali u effiċjenti tal-ispettru jeżiġi monitoraġġ kontinwu tal-iżviluppi, u informazzjoni trasparenti aġġornata dwar l-użu tal-ispettru mal-Unjoni kollha. Filwaqt li d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/344/KE dwar id-disponibbiltà armonizzata tal-informazzjoni dwar l-użu tal-ispektrum fil-Komunità<sup>6</sup> teżiġi li l-Istati Membri jippubblikaw informazzjoni dwar id-drittijiet għall-użu, fl-Unjoni huma meħtieġa

---

<sup>6</sup> ĠU L 129, 17.5.2007, p. 67.

inventarju dettaljat tal-użu eżistenti tal-ispettru flimkien ma' metodoloġija effettiva ta' analiżi u ta' valutazzjoni sabiex tittiejjeb l-effiċjenza tal-użu tal-ispettru u tat-tagħmir tar-radju, b'mod partikolari bejn it-300 MHz u t-3 GHz. Dan għandu jgħin biex jiġu identifikati teknoloġiji u użi ineffiċjenti kemm fis-setturi kummerċjali kif ukoll f'dawk pubbliċi, u anki assenjazzjonijiet u opportunitajiet għal kondiviżjoni mhux użati, u sabiex ikunu evalwati l-ħtiġijiet futuri tal-konsumaturi u tan-negożji.

- (11) Standards armonizzati skont id-Direttiva 1999/5/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 1999 dwar it-tagħmir tar-radju u tagħmir terminali ta' telekomunikazzjonijiet u r-rikonoxximent reċiproku tal-konformità tagħhom<sup>7</sup> huma essenzjali sabiex jinkiseb użu effiċjenti tal-ispettru u għandhom iqisu l-kundizzjonijiet tal-kondiviżjoni ddefiniti legalment. L-istandards Ewropej għat-tagħmir u għan-netwerks elettriċi u elettroniċi mhux tar-radju għandhom ukoll jevitaw disturbi għall-użu tal-ispettru. L-impatt kumulattiv taż-żieda fil-volum u fid-densità tal-apparati u tal-applikazzjonijiet bla fili flimkien mad-diversità tal-użu tal-ispettru jikkumplikja l-approċċi attwali għall-ġestjoni tal-interferenzi. Dawn għandhom jiġu eżaminati u vvalutati mill-ġdid flimkien mal-karatteristiċi tar-riċevituri u ma' mekkaniżmi iktar sofistikati biex ikunu evitati l-interferenzi.
- (12) . Skont l-għanijiet tal-inizjattiva prinċipali tal-Kummissjoni "Aġenda Diġitali għall-Ewropa", il-*broadband* bla fili jista' jagħti kontribut sostanzjali għall-irkupru u għat-tkabbir ekonomiku jekk ikun disponibbli spettru suffiċjenti, id-drittijiet għall-użu jingħataw malajr u n-negożju jitħalla jadatta ruħu għall-evoluzzjoni tas-suq. L-Aġenda Diġitali tagħmel sejħa biex sal-2020 iċ-ċittadini kollha tal-Unjoni jkollhom aċċess għal *broadband* ta' mill-inqas 30 Mbps. Għalhekk, l-ispettru li diġà kien indikat għandu jkun awtorizzat sal-2012 għall-komunikazzjonijiet terrestri sabiex ikun żgurat aċċess faċli għall-*broadband* bla fili għal kulħadd, b'mod partikolari fil-meded tal-ispettru indikati mid-Deċizzjonijiet tal-Kummissjoni 2008/477/KE, 2008/411/KE u 2009/766/KE. Sabiex ikunu kkomplementati s-servizzi *broadband* terrestri u sabiex tkun żgurata kopertura tal-parti l-kbira taż-żoni l-iktar imbiegħda tal-Unjoni, aċċess *broadband* satellitari bi prezzijiet għall-bwiet ta' kulħadd jista' jkun soluzzjoni veloċi u fattibbli.
- (13) Il-medda tat-800 MHz hija ottimali biex żoni kbar ikunu koperti mis-servizzi *broadband* bla fili. Il-bini fuq l-armonizzazzjoni tal-kundizzjonijiet tekniċi skont id-Deċizzjoni 2010/267/UE, u fuq ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Ottubru 2009 li tagħmel sejħa biex ix-xandir *analogue* jintefa sal-1 ta' Jannar 2012, u meta jiġu kkunsidrati l-iżviluppi regolatorji nazzjonali mgħaġġla, fil-prinċipju din il-medda għandha tkun disponibbli għall-komunikazzjonijiet elettroniċi fl-Unjoni sal-2013. F'perjodu itwal ta' żmien, jista' jkun previst anki spettru addizzjonali taħt is-790 MHz, jiddependi mill-esperjenza u min-nuqqas ta' spettru f'meded oħrajn adegwati għall-kopertura. Meta tiġi kkunsidrata l-kapaċità tal-medda tat-800 MHz sabiex titrażmetti fuq żoni kbar, mad-drittijiet għandhom ikunu marbuta obbligi ta' kopertura.
- (14) Peress li approċċ komuni u l-ekonomiji ta' skala huma kruċjali sabiex jiġu żiluppjati komunikazzjonijiet *broadband* mal-Unjoni kollha u sabiex ikunu pprevenuti d-distorsjoni tal-kompetizzjoni u l-frammentazzjoni tas-suq fost l-Istati Membri, ċerti

---

<sup>7</sup> ĠU L 91, 7.4.1999, p. 10 (Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 13, Volum 23, p. 254 - 272).

kundizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni u proċedurali jistgħu jiġu ddefiniti f'azzjoni miftiehma, fost l-Istati Membri u mal-Kummissjoni. Il-kundizzjonijiet jistgħu jinkludu obbligi ta' kopertura, daqs tal-blokk tal-ispettru, l-għażla taż-żmien meta jingħataw id-drittijiet, l-aċċess għall-operaturi tan-netwerk ċellulari virtwali (MVNO) u kemm idumu d-drittijiet għall-użu. Filwaqt li jirriflettu l-importanza tan-negozju fl-ispettru għal użu effiċjenti dejjem ikbar tal-ispettru u filwaqt li jiżviluppaw is-suq intern għat-tagħmir u għas-servizzi bla fili, dawn il-kundizzjonijiet għandhom japplikaw għall-meded tal-ispettru li jiġu allokatu lill-komunikazzjonijiet bla fili, u li għalihom id-drittijiet għall-użu jistgħu jiġu ttrasferiti jew jinkrew.

- (15) Spettru addizzjonali jista' jkun meħtieġ minn setturi oħrajn bħat-trasport (għal sistemi ta' sikurezza, informazzjoni u ġestjoni), l-R&D, il-protezzjoni tal-pubbliku u l-għajjuna f'diżastri, is-saħħa elettronika (*e-health*) u l-inklużjoni elettronika (*e-inclusion*). L-ottimizzazzjoni tas-sinerġji bejn il-politika dwar l-ispettru u l-attivitajiet ta' R&D kif ukoll it-twettiq ta' studji dwar il-kompatibbiltà tar-radju bejn l-utenti differenti tal-ispettru għandhom jgħinu lill-innovazzjoni. Iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni għandu jgħin fl-iżvilupp tal-aspetti tekniċi tar-regolamentazzjoni tal-ispettru, prinċipalment billi jipprovdi faċilitajiet għall-ittestjar sabiex ikunu vverifikati l-mudelli tal-interferenzi rilevanti għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Barra minn hekk, ir-riżultati tar-riċerka taħt is-Seba' Programm Qafas jeżiġu l-eżami tal-ħtiġijiet relatati mal-ispettru tal-proġetti li jista' jkollhom potenzjal ekonomiku jew ta' investiment kbir, b'mod partikolari għall-SMEs, eż. ir-radju konjittiv jew is-saħħa elettronika. Għandha tkun żgurata anki protezzjoni adegwata minn interferenza dannuża sabiex ikunu sostnuti attivitajiet ta' R&D u xjentifiċi.
- (16) L-Istrateġija Ewropa 2020 tistabbilixxi l-għanijiet ambjentali għal ekonomija sostenibbli, effiċjenti fir-riżorsi u kompetittiva, pereżempju billi ttejjeb l-effiċjenza tar-riżorsi b'20%. Is-settur tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) għandu rwol prinċipali kif ġie enfasizzat fl-Aġenda Diġitali għall-Ewropa. L-azzjonijiet proposti jinkludu aċċellerazzjoni tal-użu mal-Unjoni kollha ta' sistemi ta' ġestjoni tal-enerġija intelliġenti (grids intelliġenti u miters intelliġenti) billi jintużaw kapaċitajiet ta' komunikazzjoni ħalli jitnaqqas il-konsum tal-enerġija, u l-iżvilupp ta' Sistemi Intelliġenti tat-Trasport u ġestjoni intelliġenti tat-traffiku ħalli jitnaqqas l-emissjonijiet tad-dijossidu tal-karbonju mis-settur tat-trasport. L-użu effiċjenti tat-teknoloġiji tal-ispettru jista' anki jgħin biex jitnaqqas il-konsum tal-enerġija mit-tagħmir tar-radju u biex jiġi limitat l-impatt ambjentali f'żoni rurali u mbiegħda.
- (17) Il-ħarsien tas-saħħa pubblika mill-kampijiet elettromanjetiċi huwa essenzjali għall-benesseri taċ-ċittadini u għal approċċ koerenti għall-awtorizzazzjoni tal-ispettru fl-Unjoni; filwaqt li huwa suġġett għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 1999/519/KE dwar kemm il-pubbliku ġenerali jista' jesponi ruħu fit-tul għall-kampijiet elettromanjetiċi, huwa essenzjali li jiġi żgurat monitoraġġ kostanti tal-effetti jonizzanti u mhux jonizzanti tal-użu tal-ispettru fuq is-saħħa, inklużi l-effetti kumulattivi fuq il-ħajja reali tal-użu tal-ispettru f'diversi frekwenzi minn numru dejjem ikbar ta' tipi ta' tagħmir.
- (18) L-għanijiet essenzjali ta' interess pubbliku bħas-sikurezza tal-ħajja jitolbu soluzzjonijiet tekniċi koordinati għall-ħidma kkombinata tas-servizzi ta' sikurezza u ta' emerġenza bejn l-Istati Membri. Għandu jkun disponibbli, fuq bażi koerenti, spettru suffiċjenti għall-iżvilupp u għaċ-ċirkolazzjoni libera tas-servizzi u tal-apparati tas-sikurezza u għal soluzzjonijiet pan-Ewropej jew interoperabbli innovattivi ta'

sikurezza u ta' emerġenza. Studji diġà wrew il-ħtieġa għal spettru armonizzat addizzjonali taħt il-1 GHz sabiex jingħataw servizzi *broadband* mobbli għall-protezzjoni tal-pubbliku u għall-ġhajjnuna f' dżastri, mal-Unjoni kollha bejn il-5 u l-10 snin li ġejjin.

- (19) Ir-regolamentazzjoni tal-ispettru għandha dimensjonijiet transkonfinali jew internazzjonali kbar, minħabba karatteristiċi ta' propagazzjoni, in-natura internazzjonali tas-swieq li jiddependu minn servizzi bbażati fuq ir-radju, u l-ħtieġa li tkun evitata interferenza dannuża bejn il-pajjiżi. Barra minn hekk, ir-referenzi għal ftehimiet internazzjonali fid-Direttivi 2002/21/KE u 2002/20/KE kif emendati<sup>8</sup> ifissru li l-Istati Membri m'għandhomx jidħlu għal obbligi internazzjonali li jipprevjenu jew jirrestrinġu t-tweqqiq tal-obbligi tagħhom tal-Unjoni . L-Istati Membri għandhom, skont il-ġurisprudenza, jidħlu għall-isforzi kollha meħtieġa biex jippermettu rappreżentanza xierqa tal-Unjoni fi kwistjonijiet taħt il-kompetenza tagħha f'entitajiet internazzjonali inkarigati bil-koordinazzjoni tal-ispettru. Barra minn hekk, fejn tkun involuta politika jew kompetenza tal-Unjoni, l-Unjoni għandha tixpruna politikament il-preparazzjoni tan-negozjati u jkollha rwol f'negozjati multilaterali, inkluż fl-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni (ITU) li jikkorrispondi għal-livell ta' responsabbiltà tagħha għal kwistjonijiet relatati mal-ispettru skont il-liġi tal-Unjoni.
- (20) Sabiex ikun hemm evoluzzjoni mill-prattika attwali u bini fuq il-prinċipji ddefiniti fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-3 ta' Frar 1992 dwar il-proċeduri li għandhom jiġu segwiti fil-Konferenza Amministrattiva Dinjija tar-Radju tal-1992, u fejn il-Konferenzi Dinjija dwar il-Komunikazzjoni bir-Radju (WRC) u negozjati multilaterali oħrajn imissu prinċipji u kwistjonijiet ta' politika b' dimensjoni sinifikanti tal-Unjoni, l-Unjoni għandha tkun tista' tistabbilixxi proċeduri ġodda sabiex tiddefendi l-interessi tagħha f'negozjati multilaterali, minbarra l-għan fit-tul li ssir membru tal-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni flimkien mal-Istati Membri; għal dan il-għan, il-Kummissjoni, filwaqt li tqis l-opinjoni tal-Grupp għal Politika dwar l-Ispettru tar-Radju (RSPG), tista' anki tippromovi għanijiet ta' politika komuni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, kif inhu stabbilit fid-Direttiva 2002/21/KE .
- (21) Il-WRC tal-2012 tinkludi kwistjonijiet speċifiċi ta' rilevanza għall-Unjoni bħad-dividend diġitali, is-servizzi xjentifiċi u metereoloġiċi, l-iżvilupp sostenibbli u t-tibdil fil-klima, il-komunikazzjonijiet satellitari u l-użu tal-ispettru għal GALILEO (stabbiliti bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 876/2002<sup>9</sup> li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta Galileo u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1321/2004<sup>10</sup> dwar l-istabbiliment ta' strutturi għat-tnexxija tal-programmi Ewropej ta' radjunavigazzjoni bis-satellita), kif ukoll il-programm Ewropew ta' Monitoraġġ Globali tal-Ambjent u s-Sigurtà (GMES)<sup>11</sup> għal użu aħjar tad-dejta tal-osservazzjoni tad-Dinja.
- (22) L-Istati Membri jistgħu wkoll jeħtieġu appoġġ dwar il-koordinazzjoni tal-frekwenzi f'negozjati bilaterali flimkien ma' pajjiżi ġirien li mhumiex membri tal-Unjoni, inklużi l-pajjiżi ta' adeżjoni jew dawk kandidati, sabiex jissodisfaw l-obbligi tal-Unjoni tagħhom rigward il-kwistjonijiet tal-koordinazzjoni tal-frekwenzi. Dan għandu jgħin

<sup>8</sup> ĠU L 337, 18.12.2009, p. 37.

<sup>9</sup> ĠU L 138, 28.5.2002, p. 1 (Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 13, Volum 29, p. 477 - 484).

<sup>10</sup> ĠU L 246, 20.7.2004, p. 1 (ĠU L 142M , 30.5.2006, p. 139-147 (MT))

<sup>11</sup> COM(2009)589

ukoll sabiex tkun evitata interferenza dannuża u sabiex jittejbu l-effiċjenza tal-ispettru u l-konverġenza tal-użu tal-ispettru anki lil hinn mill-fruntieri tal-Unjoni. L-azzjoni hija partikolarment urġenti fil-meded tat-800 MHz u tat-3.4-3.8 GHz għat-tranżizzjoni għat-teknoloġiji *broadband* ċellulari u għall-armonizzazzjoni tal-ispettru meħtieġa għall-modernizzazzjoni tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru.

- (23) Sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' dan il-Programm, huwa importanti li jiġi żviluppat qafas istituzzjonali xieraq għall-koordinazzjoni tal-ġestjoni u tar-regolamentazzjoni tal-ispettru fuq il-livell tal-Unjoni, filwaqt li jitqiesu b'mod sħiħ il-kompetenza u l-għarfien espert tal-amministrazzjonijiet nazzjonali. Dan jista' jgħin anki biex il-koordinazzjoni tal-ispettru bejn l-Istati Membri titqiegħed fil-kuntest tas-suq intern. Il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni huma wkoll essenzjali bejn il-korpi ta' standardizzazzjoni, l-istituzzjonijiet ta' riċerka u s-CEPT.
- (24) Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-riżultati miksuba taħt din id-Deċiżjoni, kif ukoll dwar l-azzjonijiet futuri ppjanati.
- (25) Meta fasslet il-proposta tagħha, il-Kummissjoni ħadet fl-ikbar kunsiderazzjoni l-opinjoni tal-RSPG.

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1* **Għan**

Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi programm tal-politika tal-ispettru tar-radju għall-ippjanar strateġiku u għall-armonizzazzjoni tal-użu tal-ispettru sabiex ikun żgurat il-funzjonament tas-suq intern.

### *Artikolu 2* **Applikazzjoni tal-prinċipji regolatorji ġenerali**

L-Istati Membri għandhom jikkooperaw ma' xulxin u mal-Kummissjoni b'mod trasparenti sabiex tkun żgurata l-applikazzjoni konsistenti tal-prinċipji regolatorji ġenerali li ġejjin mal-Unjoni kollha:

- (a) ikun inkoraġġit l-użu effiċjenti tal-ispettru sabiex tiġi sodisfatta bl-aħjar mod id-domanda dejjem ikbar għall-użu tal-frekwenzi;
- (b) tiġi applikata n-newtralità tat-teknoloġija u tas-servizzi fl-użu tal-ispettru għan-netwerks u għas-servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2002/21/KE (Direttiva Kwadru), u fejn ikun possibbli għal setturi u għal applikazzjonijiet oħrajn, b'tali mod li tkun promossa l-effiċjenza tal-użu tal-ispettru, b'mod partikolari billi titrawwem il-flessibbiltà, u tkun promossa l-innovazzjoni;
- (c) tiġi applikata l-inqas sistema ta' awtorizzazzjoni oneruża possibbli b'tali mod li jiġu massimizzati l-flessibbiltà u l-effiċjenza fl-użu tal-ispettru;
- (d) jiġi ggarantit il-funzjonament tas-suq intern, b'mod partikolari billi tkun żgurata kompetizzjoni effettiva.

*Artikolu 3*  
**Għanijiet tal-politika**

Sabiex jiffokaw fuq il-prijoritajiet ta' dan l-ewwel Programm, l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jikkooperaw sabiex jappoġġjaw u jimplimentaw l-għanijiet tal-politika li ġejjin:

- (a) ikun disponibbli f'mument adattat spettru xieraq suffiċjenti sabiex ikunu appoġġjati l-għanijiet tal-politika tal-Unjoni;
- (b) tiġi massimizzata l-flessibbiltà fl-użu tal-ispettru, sabiex ikunu promossi l-innovazzjoni u l-investment, permezz tal-applikazzjoni tal-prinċipji tan-newtralità tat-teknoloġija u tas-servizzi, il-ftuħ tal-ispettru għal servizzi ġodda, u l-possibbiltà li jsir negozju fid-drittijiet tal-ispettru;
- (c) jitkabbar l-użu effiċjenti tal-ispettru billi jsir użu mill-benefiċċji tal-awtorizzazzjonijiet ġenerali u jiġi miżjud l-użu ta' tipi ta' awtorizzazzjoni ta' din ix-xorta;
- (d) tinżamm u tiġi żviluppata kompetizzjoni effettiva, b'mod partikolari fis-servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, billi tkun ipprevenuta akkumulazzjoni eċċessiva ta' frekwenzi tar-radju minn ċertu operatori ekonomiċi *ex-ante* jew billi jinsab rimedju għal akkumulazzjoni eċċessiva ta' frekwenzi tar-radju minn ċertu operatori ekonomiċi *ex-post* li tirriżulta fi ħsara sinifikanti lill-kompetizzjoni ;
- (e) titnaqqas il-frammentazzjoni tas-suq intern billi jittejbu l-koordinazzjoni u l-armonizzazzjoni tal-kundizzjonijiet tekniċi għall-użu u għad-disponibbiltà tal-ispettru, kif inhu xieraq, inkluż l-iżvilupp tas-servizzi transnazzjonali, u billi jkunu promossi ekonomiji ta' ambitu u ta' skala fuq il-livell tal-Unjoni;
- (f) tkun evitata interferenza dannuża jew disturbi dannużi minn apparati tar-radju jew mhux tar-radju oħrajn billi jiġi ffaċilitat l-iżvilupp ta' standards li jagħtu lok għal użu flessibbli u effiċjenti tal-ispettru, u billi titkabbar l-immunità tar-riċevituri għall-interferenza, fejn jitqies partikolarment l-impatt kumulattiv tal-volumi u tad-densità dejjem ikbar tal-apparati u tal-applikazzjonijiet tar-radju;
- (g) meta jiġu ddefiniti l-kundizzjonijiet tekniċi għall-allokazzjoni tal-ispettru, jitqiesu b'mod sħiħ ir-riżultati tar-riċerka ċertifikati mill-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti fl-effetti potenzjali fuq is-saħħa tal-bniedem tal-emissjonijiet tal-kampijiet elettromanjetiċi.

*Artikolu 4*  
**Iktar effiċjenza u flessibbiltà**

1. Sal-1 ta' Jannar 2013, l-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri ta' awtorizzazzjoni u ta' allokkazzjoni xierqa għall-iżvilupp tas-servizzi broadband, f'konformità mad-Direttiva 2002/20/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-awtorizzazzjoni ta' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva ta' Awtorizzazzjoni)<sup>12</sup>, bħal li l-operaturi rilevanti, fejn ikun possibbli u fuq il-bażi ta'

---

<sup>12</sup> ĠU L 108, 24.4.2002, p. 21 (Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 13, Volum 29, p. 337 - 348).



konsultazzjonijiet skont l-Artikolu 11, jitħallew ikollhom aċċess dirett jew indirett għal blokki biswit xulxin tal-ispettru ta' mill-inqas 10 MHz.

2. L-Istati Membri għandhom irawmu, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, l-użu kollettiv tal-ispettru kif ukoll l-użu kondiviż tal-ispettru.
3. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jikkooperaw sabiex jiżviluppaw u jarmonizzaw l-istandards għat-tagħmir tar-radju u għat-terminali tat-telekomunikazzjonijiet kif ukoll għat-tagħmir u għan-netwerks elettriċi u elettroniċi bbażati, fejn ikun meħtieġ, fuq mandati ta' standardizzazzjoni mill-Kummissjoni lill-korpi ta' standardizzazzjoni rilevanti.
4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw irwieħhom li l-kundizzjonijiet u l-proċeduri ta' selezzjoni jippromwovu l-investment u l-użu effiċjenti tal-ispettru.
5. Sabiex tkun evitata frammentazzjoni possibbli tas-suq intern minħabba kundizzjonijiet u proċeduri ta' selezzjoni diverġenti għal meded tal-ispettru armonizzati allokat li servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi u li setgħu jiġu nneozjati fl-Istati Membri kollha skont l-Artikolu 9b tad-Direttiva 2002/21/KE, il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, għandha tiżviluppa linji gwida dwar il-kundizzjonijiet u l-proċeduri ta' awtorizzazzjoni għal meded ta' din ix-xorta, b'mod partikolari dwar kundizzjonijiet ta' kondiviżjoni tal-infrastruttura u ta' kopertura;
6. Kull meta jkun meħtieġ sabiex ikun żgurat l-użu effettiv tad-drittijiet tal-ispettru u jkun evitat il-ħżin tal-ispettru, l-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa inklużi penali finanzjarji jew l-irtirar tad-drittijiet.

#### *Artikolu 5* **Kompetizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom iżommu u jippromwovu kompetizzjoni effettiva u jevitaw distorsjonijiet tal-kompetizzjoni fis-suq intern jew f'parti sostanzjali minnu.
2. Sabiex jimplimentaw b'mod sħiħ l-obbligi tal-paragrafu 1, u b'mod partikolari sabiex jiżguraw irwieħhom li l-kompetizzjoni ma tkunx suġġetta għal distorsjonijiet minħabba kwalunkwe akkumulazzjoni, trasferiment jew modifika fid-drittijiet għall-użu tal-frekwenzi tar-radju, l-Istati Membri jistgħu jadottaw, fost l-oħrajn, il-miżuri li ġejjin, li huma bla ħsara għall-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kompetizzjoni:
  - (a) L-Istati Membri jistgħu jillimitaw l-ammont ta' spettru li għalih jingħataw drittijiet għall-użu lil kwalunkwe operatur ekonomiku jew jistgħu jorbtu kundizzjonijiet ma' drittijiet għall-użu ta' din ix-xorta, bħall-provvista ta' aċċess bl-ingrossa, f'ċerti meded jew f'ċerti gruppi ta' meded b'karatteristiċi simili, pereżempju l-meded taħt il-1 GHz allokat li servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi;
  - (b) L-Istati Membri jistgħu jirrifjutaw li jagħtu drittijiet għall-użu ġodda jew jippermettu użi ta' spettru ġodda f'ċerti meded, jew jistgħu jorbtu kundizzjonijiet mal-għoti ta' drittijiet għall-użu ġodda jew mal-awtorizzazzjoni ta' użi tal-ispettru ġodda, meta dan jista' jwassal għal akkumulazzjoni ta'

frekwenzi tal-ispettru minn ċerti operaturi ekonomiċi li x'aktarx jirriżultaw fi ħsara sinifikanti lill-kompetizzjoni.

- (c) L-Istati Membri jistgħu jipprojbixxu jew jimponu kundizzjonijiet fuq trasferimenti ċerti tranżazzjonijiet li jittrasferixxu d-drittijiet għall-użu tal-ispettru, li ma jkunux suġġetti għal kontroll tal-amalgamazzjonijiet nazzjonali jew tal-Unjoni, meta dan x'aktarx jirriżulta fi ħsara sinifikanti lill-kompetizzjoni;
  - (d) L-Istati Membri jistgħu jemendaw id-drittijiet eżistenti, skont l-Artikolu 14 tad-Direttiva 2002/20/KE meta dan ikun meħtieġ sabiex tiġi rrimedjata l-akkumulazzjoni eċċessiva tal-frekwenzi tal-ispettru *ex-post* f'ċerti operaturi ekonomiċi li tagħmel ħsara b'mod sinifikanti lill-kompetizzjoni.
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw irwieħhom li l-proċeduri ta' awtorizzazzjoni u ta' selezzjoni jevitaw dewmien u jipromwovu kompetizzjoni effettiva.

#### *Artikolu 6*

#### ***Spettru għal komunikazzjonijiet broadband bla fili***

1. Mingħajr preġudizzju għall-prinċipji tan-newtralità tas-servizzi u tat-teknoloġija, l-Istati Membri, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa sabiex jiżguraw irwieħhom li fl-Unjoni jiġi allokat spettru suffiċjenti għal finijiet ta' kopertura u ta' kapaċità, ħalli jkun żgurat li l-applikazzjonijiet bla fili jagħtu kontribut effettiv sabiex tintlaħaq il-mira li, sal-2020, iċ-ċittadini kollha jkollhom aċċess għal broadband b'veloċità ta' mill-inqas 30 Mbps.
2. Sal-1 ta' Jannar 2012, l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-użu tal-ispettru kollu indikat mid-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2008/477/KE (2.5–2.69 GHz), 2008/411/KE (3.4–3.8 GHz) u 2009/766/KE (900/1800 MHz), f'kundizzjonijiet li jipprovdu lill-konsumaturi b'aċċess faċli għas-servizzi broadband bla fili.
3. Sal-1 ta' Jannar 2013, l-Istati Membri għandhom jagħmlu l-medda tat-800 MHz disponibbli għas-servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi f'konformità mal-kundizzjonijiet tekniċi armonizzati stabbiliti skont id-Deċiżjoni Nru 676/2002/KE. F'każijiet eċċezzjonali ġġustifikati b'mod xieraq minħabba raġunijiet tekniċi, il-Kummissjoni tista' tawtorizza derogi speċifiċi sal-2015. Skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2002/21/KE, il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, għandha żżomm taħt eżami l-użu tal-ispettru taħt il-1 GHz u tivvaluta jekk l-ispettru addizzjonali jistax jiġi lliberat u jitqiegħed għad-dispożizzjoni ta' applikazzjonijiet ġodda.
4. L-Istati Membri, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, għandhom jiżguraw irwieħhom li l-provvista ta' aċċess għall-kontenut u għas-servizzi broadband permezz tal-medda ta' 790-862 MHz (800 MHz) ikun inkoraġġit f'żoni ftit li xejn popolati, b'mod partikolari permezz tal-obbligi tal-koperatura; meta jagħmlu dan, huma għandhom jeżaminaw modi u, fejn ikun meħtieġ, jieħdu miżuri xierqa sabiex jiżguraw irwieħhom li l-liberalizzazzjoni tal-medda tat-800 MHz ma taffetwax ħażin lill-utenti tal-ħolqien ta' programmi u ta' avvenimenti speċjali (PMSE).

5. Il-Kummissjoni qed tiġi mistiedna tadotta, bħala prijorità, miżuri xierqa, skont l-Artikolu 9b(3) tad-Direttiva 2002/21/KE, sabiex tiżgura ruħha li l-Istati Membri jippermettu negozju fl-Unjoni tad-drittijiet għall-użu tal-ispettru fil-meded armonizzati ta' 790–862 MHz (il-“medda tat-800 MHz”), 880–915 MHz, 925–960 MHz, 1710–1785 MHz, 1805–1880 MHz, 1900–1980 MHz, 2010–2025 MHz, 2110–2170 MHz, 2.5–2.69 GHz, u 3.4–3.8 GHz.
6. Jekk ikun meħtieġ, il-Kummissjoni għandha tiżgura ruħha mid-disponibbiltà ta' meded tal-ispettru addizzjonali għall-provvista ta' servizzi satellitari armonizzati għal aċċess broadband li se jkopru t-territorju kollu tal-Unjoni inklużi l-iktar żoni mbiegħda b'offerta ta' broadband li tagħti l-possibbiltà li jkun hemm aċċess għall-Internet bi prezz paragonabbli għall-offerti terrestri.

#### *Artikolu 7*

#### ***Ħtiġijiet relatati mal-ispettru għal politiki speċifiċi tal-Unjoni***

1. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw irwieħhom mid-disponibbiltà tal-ispettru u jipproteġu l-frekwenzi tar-radju meħtieġa għall-monitoraġġ tal-atmosfera u tas-superfiċje tad-Dinja, fejn jippermettu l-iżvilupp u l-esplorazzjoni tal-applikazzjonijiet spazjali u jtejbju s-sistemi ta' trasport, b'mod partikolari għas-sistema ċivili globali ta' navigazzjoni bis-satellita GALILEO, il-programm ta' Monitoraġġ Globali tal-Ambjent u s-Sigurtà (GMES), u sistemi intelliġenti ta' sikurezza tat-trasport u għestjoni tat-trasport.
2. F'kooperazzjoni mal-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha twettaq studji u teżamina l-possibbiltà li tfassal skemi ta' awtorizzazzjoni li għandhom jagħtu kontribut għal politika dwar livell baxx ta' karbonju, billi tiġi ffrankata l-enerġija fl-użu tal-ispettru kif ukoll billi l-ispettru jitqiegħed għad-dispożizzjoni tat-teknoloġiji bla fili b'potenzjal biex itejbu l-iffrankar tal-enerġija, inklużi l-grids intelliġenti u s-sistemi ta' miters intelliġenti.
3. Jekk ikun meħtieġ, il-Kummissjoni għandha tiżgura ruħha li jkun disponibbli spettru suffiċjenti f'kundizzjonijiet armonizzati sabiex ikun appoġġjat l-iżvilupp ta' servizzi ta' sikurezza u ċ-ċirkolazzjoni libera tal-apparati relatati kif ukoll l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet interoperabbli u innovattivi għall-protezzjoni tal-pubbliku u għall-għajjuna f'diżastri.
4. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom janalizzaw il-ħtiġijiet relatati mal-ispettru tal-komunità xjentifika u jikkollaboraw magħha; għandhom jidentifikaw numru ta' inizjattivi ta' riċerka u ta' żvilupp kif ukoll applikazzjonijiet innovattivi li jista' jkolhom impatt soċjoekonomiku kbir u/jew potenzjal għal investiment kbir u jippreparaw għall-allokazzjoni ta' spettru suffiċjenti għal applikazzjonijiet ta' din ix-xorta f'kundizzjonijiet tekniċi armonizzati u bl-inqas piż amministrattiv oneruż.

#### *Artikolu 8*

#### ***Inventarju u monitoraġġ tal-użi eżistenti ta' u tal-ħtiġijiet emerġenti għall-ispettru***

1. Il-Kummissjoni, mgħejjuna mill-Istati Membri, li għandhom jipprovdu l-informazzjoni kollha xierqa dwar l-użu tal-ispettru, għandha toħloq inventarju tal-użu eżistenti tal-ispettru u tal-ħtiġijiet futuri possibbli għall-ispettru fl-Unjoni, b'mod partikolari fil-medda mit-300 MHz sat-3 GHz.

2. L-inventarju msemmi fil-paragrafu (1) għandu jippermetti l-valutazzjoni tal-effiċjenza teknika tal-użi eżistenti tal-ispettru u l-identifikazzjoni tat-teknoloġiji u tal-applikazzjonijiet ineffiċjenti, kif ukoll tal-opportunitajiet tal-ispettru u tal-kondiviżjoni tal-ispettru li ma ntużawx jew li ntużaw b'mod ineffiċjenti. Huwa għandu jqis il-ħtiġijiet futuri għal spettru bbażat fuq id-domandi tal-konsumaturi u tal-operaturi, u l-possibbiltà li jiġu sodisfatti ħtiġijiet ta' din ix-xorta.
3. L-inventarju msemmi fil-paragrafu (1) għandu janalizza d-diversi tipi ta' użu tal-ispettru kemm minn utenti privati kif ukoll minn utenti pubbliċi, u jgħin fl-identifikazzjoni tal-meded tal-ispettru li jistgħu jiġu assenjati jew allokatu mill-ġdid sabiex jiżded l-użu effiċjenti tagħhom, tiġi promossa l-innovazzjoni u titkabbar il-kompetizzjoni fis-suq intern, għall-benefiċċju kemm tal-utenti privati kif ukoll tal-utenti pubbliċi, filwaqt li jitqiesu kemm l-impatt pożittiv kif ukoll dak negattiv fuq l-utenti eżistenti ta' meded ta' din ix-xorta.

*Artikolu 9*  
***Negożjati internazzjonali***

1. L-Unjoni għandha tipparteċipa f'negożjati internazzjonali li għandhom x'jaqsmu ma' kwistjonijiet relatati mal-ispettru sabiex tiddefendi l-interessi tagħha, filwaqt li taġixxi skont il-liġi tal-Unjoni dwar, fost l-oħrajn, il-prinċipji tal-kompetenzi interni u esterni tal-Unjoni.
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ftehimiet internazzjonali li huma parti għalihom fil-kuntest tal-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni (ITU), jkunu konformi ma' leġiżlazzjoni eżistenti tal-Unjoni, u partikolarment mar-regoli u l-prinċipji rilevanti tal-qafas regolatorju tal-Unjoni dwar il-komunikazzjonijiet elettroniċi.
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-regolamenti internazzjonali jippermettu l-użu sħiħ tal-meded ta' frekwenza għall-għanijiet li għalihom ġew iddeżinjati skont il-liġi tal-Unjoni; u li ammont suffiċjenti ta' spettru protett b'mod xieraq ikun disponibbli għall-politiki settorjali tal-Unjoni.
4. L-Unjoni għandha tipprovdi, meta tintalab tagħmel dan, appoġġ politiku u tekniku lill-Istati Membri fin-negożjati bilaterali tagħhom ma' pajjiżi ġirien li mhumiex membri tal-Unjoni, inklużi l-pajjiżi ta' adeżjoni u dawk kandidati, sabiex ikunu solvuti kwistjonijiet ta' koordinazzjoni tal-ispettru li ma jħallux li l-Istati Membri jimplimentaw l-obbligi tagħhom taħt il-liġi tal-Unjoni rigward il-politika u l-ġestjoni tal-ispettru. L-Unjoni għandha tappoġġja wkoll l-isforzi ta' pajjiżi terzi sabiex jimplimentaw ġestjoni tal-ispettru li tkun kompatibbli ma' dik tal-Unjoni, ħalli jiġu salvagwardjati l-għanijiet tal-politika dwar l-ispettru tal-Unjoni.
5. Meta jkunu qed jinnegożjaw ma' pajjiżi terzi, l-Istati Membri għandhom ikunu marbuta bl-obbligi tagħhom taħt il-liġi tal-Unjoni. Meta jiffirmaw jew jaċċettaw b'xi mod ieħor kwalunkwe obbligu internazzjonali li jikkonċerna l-ispettru, l-Istati Membri għandhom jakkumpanjaw il-firma tagħhom jew kwalunkwe att ieħor ta' aċċettazzjoni b'dikjarazzjoni konġunta li tiddikjara li għandhom jimplimentaw ftehimiet jew impenji internazzjonali ta' din ix-xorta skont l-obbligi tagħhom taħt it-trattati.

*Artikolu 10*  
***Kooperazzjoni fost il-korpi differenti***

1. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jikkooperaw sabiex itejbu l-isfond istituzzjonali attwali, ħalli jrawmu koordinazzjoni tal-ġestjoni tal-ispettru fuq il-livell tal-Unjoni, inkluż fi kwistjonijiet li jaffetwaw direttament żewġ Stati Membri jew iktar bil-għan li jiġi żviluppat is-suq intern u jkun żgurat li l-għanijiet tal-politika dwar l-ispettru tal-Unjoni jintlaħqu b'mod sħiħ. Huma għandhom ifittxu li jippromwovu l-interessi tal-Unjoni relatati mal-ispettru barra mill-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 9.
2. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw irwieħhom li l-korpi ta' standardizzazzjoni, is-CEPT u ċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni jikkooperaw mill-qrib fi kwalunkwe kwistjoni teknika, kull meta dan ikun meħtieġ sabiex ikun żgurat l-użu effiċjenti tal-ispettru. Għal dan l-għan, huma għandhom iżommu konnessjoni koerenti bejn il-ġestjoni u l-istandardizzazzjoni tal-ispettru b'tali mod li jtejbu s-suq intern.

*Artikolu 11*  
***Konsultazzjoni pubblika***

Kull meta jkun xieraq, il-Kummissjoni għandha torganizza konsultazzjonijiet pubbliċi sabiex tiġbor il-fehmiet tal-partijiet interessati kollha kif ukoll il-fehmiet tal-pubbliku inġenerali dwar l-użu tal-ispettru fl-Unjoni.

*Artikolu 12*  
***Rapportaġġ***

Sal-31 ta' Diċembru 2015, il-Kummissjoni għandha twettaq analiżi tal-applikazzjoni ta' dan il-programm tal-politika tal-ispettru tar-radju u għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-attivitajiet żviluppati u l-miżuri adottati skont din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 13*  
***Notifika***

L-Istati Membri għandhom japplikaw dawn l-orjentazzjonijiet u l-għanijiet tal-politika sal-1 ta' Lulju 2015 sakemm ma ġiex speċifikat mod ieħor fl-artikoli preċedenti.

Huma għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tkun analizzata l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 14*  
***Dħul fis-seħħ***

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew  
Il-President*

*Għall-Kunsill  
Il-President*